MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 543/1998/1

Rita **FARRUĠIA,** Angelika Merċieca, Maria DePuis, Phyllis McKenzie u Mario Azzopardi

vs

Carmelo **SCICLUNA** u Paul Bonavia

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-17 ta' Marzu, 1998, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) ssib li l-imħarrkin, jew min minnhom, jaħtu għall-mewt ta' missierhom John Mary Azzopardi li ġrat fis-16 ta' April, 1997, fi Triq il-Kbira f'Ħal Tarxien, meta waqa' fuqu borġ ġebel minn bini li kien qed jinħatt hu u qiegħed hdejh f'dik l-istess triq; (b) tillikwida d-danni mġarrbin minnhom minħabba l-imsemmi inċident; u (ċ) tikkundanna lill-istess imħarrkin, jew lil min minnhom, iħallsuhom id-

danni hekk likwidati. Talbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek Paul Bonavia fit-23 ta' Marzu, 1999, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li t-talbiet m'għandhomx jintlaqgħu billi l-mewt ta' Azzopardi ma ġratx minħabba xi traskuraġni, negliġenza jew nuqqas ta' ħarsien ta' regolamenti min-naħa tiegħu;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek Carmelo Scicluna fit-23 ta' Marzu, 1999, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi qal li t-talbiet m'għandhomx jintlaqgħu billi l-mewt ta' Azzopardi ma ġratx minħabba xi traskuraġni, negliġenza jew nuqqas ta' ħarsien ta' regolamenti min-naħa tiegħu;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-26 ta' Mejju, 1999[1], li bih ordnat li kopja tal-provi mressqa fl-atti tal-inkjesta Maġisterjali li saret dwar l-inċident tiddaħħal fl-atti ta' din il-kawża;

Rat il-provvediment tagħha (diversament presjeduta) tal-1 ta' Ġunju, 2001[2], li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ordnat li l-imħarrkin jagħtu x-xhieda tagħhom f'din il-kawża, minkejja li kienu mexjin kontra tagħhom proċeduri kriminali;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Ġunju, 2003[3], li bih ħatret lill-Avukat Chris Ċilia bħala Assistent Ġudizzjarju biex jisma' x-xhieda li kien għad fadlilhom iressqu l-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Diċembru, 2003[4], li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet talba tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni biex ma jkunx imġiegħel jixhed fil-kawża;

---

[1] Paġ. 16 tal-proċess
[2] Paġ. 141 tal-proċess
[3] Paġ. 263 tal-proċess
[4] Paġġ. 268 – 270 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Ġunju, 2005[5], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u ordnat li t-trattazzjoni tal-għeluq issir b'noti ta' sottomissjonijiet;
Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fit-18 ta' Jannar, 2006[6];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek Scicluna fid-9 ta' Marzu, 2006[7], bi tweġiba għal dik tal-atturi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek Bonavia fit-2 ta' Mejju, 2006[8], bi tweġiba għal dik tal-atturi;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti li bihom il-kawża kienet imħollija għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni wara mewt ta' passant li waqgħet fuqu parti minn faċċata ta' bini li kien qed jinħatt hu u miexi quddiemha fit-triq. L-atturi huma wliedu. L-atturi jgħidu li l-imħarrkin, jew min minnhom, jaħtu għal dak li ġara lil missierhom u billi huma l-werrieta tiegħu skond il-liġi jridu li jitħallsu mingħandhom, jew mingħand min minnhom, kumpens għad-dannu li ġarrbu b'din it-telfa;

Illi, għal din l-azzjoni l-imħarrkin laqgħu billi ċaħdu li huma għamlu xi ħaġa b'tort, nuqqas ta' ħsieb jew bi ksur tar-regolamenti u għalhekk ma kellhom l-ebda ħtija f'dak li ġara;

Illi l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħodu tas-16 ta' April, 1997, John Mary

[5] Paġ. 296 tal-proċess
[6] Paġġ. 304 sa 311 tal-proċess
[7] Paġġ. 314 sa 323 tal-proċess
[8] Paġġ. 327 sa 336 tal-proċess

Azzopardi kien qiegħed jiknes quddiem il-bieb tad-dar tiegħu fi triq il-Kbira, Ħal Tarxien, li tinsab ftit bibien ’l isfel minn post li kien qed jitwaqqa’ fuq l-istess naħa tal-imsemmija triq. Kif kien jinsab quddiem il-bini li kien twaqqa’ u kien għad fadal biss minnu l-faċċata li wkoll kienet qiegħda titwaqqa’, il-faċċata nqalbet fuq it-triq u Azzopardi spiċċa mirdum minn qaddu ’l isfel taħt borġ ġebel li kien jagħmel mill-faċċata;

Illi dak inhar li ġara dan, Azzopardi kien armel ta’ tnejn sebgħin (72) sena, jgħix waħdu, b’saħħtu u indipendenti[9]. L-atturi huma lkoll uliedu u lkoll maħturin werrieta testamentarji tiegħu[10];

Illi l-imħarrek Scicluna kien qiegħed jaħdem ġos-sit tal-post imwaqqa’ wara li kien tqabbad mill-imħarrek Bonavia biex ineħħi t-terrapien minn ġo fih[11]. Dak il-ħin, is-sit kien qiegħed jitnaddaf mill-ġebel li kien għad fadal fih u kienet qiegħda tinħatt il-faċċata li waqgħet fuq missier l-atturi. L-imħarrek Scicluna kien qed isuq gaffa (*bulldozer*) reġistrata BAD-241[12], liċenzjata fuq isem ħuh Paul, u li ġol-pala tagħha kien qiegħed jgħabbi t-terrapien. Ix-xogħol tat-twaqqigħ tal-post kien ilu li nbeda x-xhur, iżda t-tindif tas-sit mit-terrapien kien inbeda xi sitt (6) ijiem qabel dak inhar. It-terrapien li kien qed jitneħħa kien miġmugħ ġol-parti tas-sit li kienet qrib il-faċċata tal-post li kienet qiegħda tinħatt;

Illi l-imħarrek Bonavia kien l-utilista tal-post li kien twaqqa’ u hu kien talab u ngħata l-permess biex iwaqqgħu u jibnih mill-ġdid[13]. Il-post kien ħattu hu ftit ftit b’idejh[14]. Il-post li twaqqa’ kien dar b’żewġ sulari[15]. Dak il-ħin, hu u għaddej ix-xogħol, mill-faċċata kien għad fadal l-aħħar ħames filati minn wiċċ il-bankina[16] u l-imħarrek Bonavia kien qiegħed iħott il-ġebel waħda waħda b’idejh u bl-għodda u jitfagħhom fil-pala tal-gaffa. Waqt li kien qiegħed fuq il-

[9] Xhieda ta’ l-attriċi Merċieca 26.5.1999, f’paġ. 23 tal-proċess
[10] Dokti “RF1” sa “RF3”, f’paġġ. 339 sa 342 tal-proċess
[11] Xhieda tal-imħarrek Scicluna 5.11.2001, f’paġ. 144 tal-proċess
[12] Xhieda ta’ Spett. Mario Bonello 11.10.1999, f’paġ. 36 tal-proċess
[13] Xhieda tiegħu mogħtija fl-inkjesta, f’paġ. 85 tal-proċess
[14] Xhieda ta’ Maria Aġius 25.2.2002, f’paġ. 225 tal-proċess
[15] Dok “PB1”, f’paġ. 235 tal-proċess
[16] Xhieda tal-A.I.Ċ. Anthony Bailey 11.10.1999, f’paġ. 51 tal-proċess

ħajt, ħass kollox iċedi bih u qabeż minn fuqu għan-naħa tat-triq[17];

Illi l-imħarrek Scicluna jgħid li, waqt li kien qed jgħolli l-pala tal-gaffa qrib l-ogħla parti tal-faċċata li fuqha kien hemm l-imħarrek Bonavia, beda jilqa' fiha l-ġebel li Bonavia kien qiegħed jaqla' waħda waħda b'lieva mill-istess faċċata[18]. Meta kellem lill-Pulizija fuq il-post kien qal ukoll li kien qiegħed jerfa' t-terrapien bil-pala tal-gaffa, u dak il-ħin ċediet il-faċċata tad-dar li kienet twaqqgħet[19];

Illi John Mary Azzopardi miet fl-ambulanza fi trieqtu lejn l-Isptar. Il-Maġistrat tal-Għassa ordnat li ssir inkjesta u ħatret esperti. Ittieħdu proċeduri kontra l-imħarrkin quddiem il-Qorti tal-Maġistrati;

Illi f'Marzu tal-1998, infetħet din il-kawża;

Illi għal dak li jirrigwarda l-kunsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-każ li l-Qorti għandha quddiemha, jeħtieġ li l-Qorti tibda biex tistħarreġ l-aspett ta**r-responsabbilta' għal dak li wassal għall-inċident** u l-mewt tal-awtur tal-atturi. Ma jidhirx li huwa b'xi mod kontestat mill-imħarrkin li John Mary Azzopardi miet b'kawża diretta tal-knaten li waqgħu fuqu meta ċediet biċċa mill-faċċata tad-dar. Huwa ma kienx imdaħħal fix- xogħol li kien qed isir fis-sit biex tinħatt il-faċċata. Lanqas ma huwa kontestat li l-faċċata waqgħet meta kienet qiegħda tinħatt: dak il-ħin, l-imħarrek Scicluna kien qiegħed iħaddem il-gaffa qrib il-faċċata min-naħa ta' ġol-fond, filwaqt li l-imħarrek Bonavia kien qiegħed iħott il-faċċata, kantun kantun, b'lieva;

Illi, madankollu, dan ma jfissirx li b'daqshekk biss l-atturi jkunu ħelsu mill-ħtieġa li jippruvaw li l-ħtija ta' dak li ġara kienet tal-imħarrkin, kif huma jallegaw fl-Att taċ-Ċitazzjoni. Ladarba l-azzjoni tagħhom tinbena fuq il-ħtija akwiljana, jaqa' fuqhom id-dmir li juru b'mod tajjeb biżżejjed li l-ħtija kienet tassew fl-imħarrkin, jew min minnhom, u li kienet dik il-ħtija li tnissel favur l-atturi l-jedd għall-ħlas tal-

[17] Xhieda tiegħu fl-inkjesta, f'paġ. 86 tal-proċess
[18] Xhieda tal-imħarrek Scicluna 5.11.2001, f'paġ. 151 tal-proċess
[19] Xhieda ta' PS 620 S Bunce 14.1.2000, f'paġ. 72 tal-proċess

kumpens. Fil-premessi tal-att promotur, l-atturi jindikaw it-traskuraġni, n-negliġenza u n-nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti min-naħa tal-imħarrkin bħala r-raġunijiet li fuqhom jitfgħu r-responsabbilta' għal dak li ġralu missierhom. Kif inhu mgħallem fid-duttrina, "*the tort of negligence is said to consist of three essential elements; first, a duty to take care, secondly, a breach of that duty, and thirdly, damage to the plaintiff caused by that breach of duty. This third element can be subdivided into two further elements, namely that the defendant's conduct must have been the 'cause in fact' of the damage; and secondly that it must have been the 'legal cause' of the damage. The second element is concerned with the definition of negligent (or, loosely translated, 'careless') conduct. Negligence is a species of 'fault'...*"[20] Din il-prova trid issir mill-atturi, fis-sens li jridu juru li l-imħarrkin, jew min minnhom, naqsu li juru dak l-għaqal li kien raġonevolment mistenni li jintwera minnhom fiċ-ċirkostanzi li kienu fihom dak il-ħin u li kull bniedem ta' dehen raġonevoli kien mistenni li jieħu;

Illi biex wieħed jasal għall-fehma dwar is-sejbien tal-ħtija f'dan il-każ, jeħtieġ jifhem x'kien qiegħed isir sewwasew qabel ma ġġarfet biċċa mill-faċċata. Ma huwiex kontestat li l-imħarrek Scicluna kien qiegħed iħaddem il-gaffa u jiġbor jew jilqa' ġo fiha t-terrapien jew il-knaten li l-imħarrek Bonavia kien qiegħed ineħħi hu u jissossa l-faċċata bil-lieva. Ma ntweriex li fuq is-sit kien hemm aktar minn gaffa waħda: dik il-gaffa kienet tal-għamla li l-pala tagħha ma tinfetaħx. Dan ifisser li biex timtela l-istess pala tal-gaffa, din riedet jew titkaxkar u timbotta minn taħt il-materjal li ried jitgħabba fiha jew li l-materjal jintefa' mill-għoli għal ġo fiha. Mill-provi dokumentali li jmorru għal ftit waqtiet wara li seħħ l-inċident[21] joħroġ li l-pala kienet mimlija kemm bi knaten u kif ukoll b'terrapien li jidher li ma kienx jagħmel mill-materjal li kien qiegħed jitneħħa mill-faċċata tad-dar, iżda minn dak li kien diġa' nġama' meta nħattet id-dar. Minbarra dan, prova oħra (jew aktar aħjar, indizju ċar) hija li l-gaffa, minbarra li kellha l-makna

[20] P. Cane *Atiyah's Accidents, Compensation and the Law* (6th Edit, 2001), pġ. 26 – 7
[21] Ritratt R2 f'Dok "AB2" u ritratt "PF4", f'paġġ. 27 u 89 tal-proċess

mixgħula, kienet ukoll qiegħda titħarrek u titmexxa meta ġġarrfet il-faċċata[22];

Illi għall-Qorti dan ifisser li l-imħarrek Scicluna kien qiegħed jerfa' l-materjal li kien mal-art tas-sit u li kien twaqqa' qabel u li b'dan l-isforz resaq qrib il-faċċata u heżhiżha biċ-ċaqlieq tal-materjal li kien miġmugħ magħha. Ifisser ukoll li l-imħarrek Bonavia li kien qiegħed jissossa l-knaten tal-faċċata bil-lieva kien ukoll qiegħed idgħajjef il-faċċata nnifisha, l-aktar meta wieħed jara li min-naħa tat-triq il-faċċata kienet waħda b'qoxra miksija bil-mużajk u li, b'hekk, kienet titlob ċertu sforz biex iħott il-knaten waħda waħda milli kieku l-istess faċċata kienet fuq il-ġebla;

Illi hemm fattur ieħor li jagħti ħjiel sewwa u konvinċenti lill-Qorti. Dan joħroġ mill-fatt li ż-żewġ imħarrkin taw il-verżjoni tagħhom dwar dak li ġara għal aktar minn darba, lil aktar minn persuna waħda u sa minn ħin qrib ħafna wara li seħħ l-inċident. Meta wieħed iqabbel ix-xhieda mogħtija minn kull wieħed miż-żewġ imħarrkin kemm quddiem l-esperti maħtura mill-Maġistrat u kif ukoll tul is-smigħ ta' din il-kawża, joħroġ li dawn mhux dejjem qalu l-istess ħwejjeġ. L-imħarrek Scicluna l-ewwel[23] jgħid li hu kien għadu ma wasalx sa ħdejn il-faċċata meta ra lill-imħarrek Bonavia jaqa' minn fuq il-faċċata meta ġġarfet u jisħaq li t-trab li kellu fil-pala tal-gaffa kien it-tkaxkir li ġabar hu u sejjer lejn il-faċċata min-naħa ta' ġewwa tas-sit. Meta xehed quddiem il-Qorti, Scicluna qal li l-pala kienet mgħollija sal-ogħla parti tal-faċċata bil-pala qrib biżżejjed biex l-imħarrek Bonavia jitfa' ġo fiha l-knaten li kien qiegħed iħott mill-faċċata[24]. Hekk ukoll ċaħad li f'xi ħin huwa resaq qrib il-faċċata jew li laqatha bil-pala tal-gaffa, iżda stqarr li biex tiġbor il-materjal, il-pala riedet tkun imbuttata 'l quddiem[25] u li din tersaq max-xogħol li jkun qiegħed isir[26]. Meta reġa' xehed[27], stqarr li meta seħħ l-inċident, kienet it-tielet milja tal-pala li hu u l-imħarrek Bonavia kienu qegħdin jgħabbu u li minn fejn kien sata'

---

[22] Ritratt R6 f'Dok "AB4", u ritratti dok "PF1", "Pf2" u "PF10" f'paġġ. 29 u 89 tal-proċess
[23] Jiġifieri fix-xhieda mogħtija lill-esperta legali maħtura fl-inkjesta, ara paġġ. 87 – 8 tal-proċess
[24] Xhieda tiegħu 5.11.2001, f'paġ. 151 tal-proċess
[25] Xhieda AIĊ A Bailey 29.1.2001, f'paġ. 125 tal-proċess
[26] Xhieda ta' l-imħarrek Scicluna 5.11.2001,f'paġġ. 156 – 7 tal-proċess
[27] Xhieda tiegħu 15.2.2005, f'paġġ. 289 sa 292 tal-proċess

jara min kien għaddej mit-triq. Min-naħa tiegħu, l-imħarrek Bonavia dak inhar tal-inċident għall-ewwel xehed[28] li hu kien bilwieqfa fuq il-faċċata tal-post iħottha ġol-pala tal-gaffa li kienet resqet mal-ħajt u waslet sa fejn kien miġmugħ il-materjal li twaqqa' qabel. Meta xehed f'din il-kawża quddiem il-Qorti, għall-ewwel ċaħad li hu qatt kien wieqaf fuq il-ħajt (il-faċċata tal-post)[29]. Meta, madankollu, reġa' xehed darb'oħra, stqarr li kien qiegħed fuq il-ħajt u li kien qiegħed ineħħi l-knaten b'lieva[30];

Illi dan il-bdil fil-verżjonijiet min-naħa tal-imħarrkin iwassal lill-Qorti għall-fehma li ma tistax toqgħod fuqhom f'kull aspett, u trid tabilfors torbot ma' ċirkostanzi oħrajn li joħorġu mill-provi biex tasal għall-fehma tagħha. Dak li fis-sewwa joħroġ minn dawn iċ-ċirkostanzi hu li l-mod kif kien qiegħed isir ix-xogħol fuq jew fi qrib il-faċċata tal-bini li kienet qiegħda tinħatt kien wieħed li ma qiesx il-konsegwenzi ta' dak li sata' jiġri u li, fil-fatt, ġara;

Illi ż-żewġ imħarrkin saħqu wkoll li għal aktar minn darba kienu widdbu lil John Mary Azzopardi biex iwarrab minn ħdejn il-faċċata u jmur 'il bogħod minn hemm. Fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser biss li ż-żewġ imħarrkin kienu għarfu li l-mod kif kien qed isir ix-xogħol kien diġa' jwebbilhom li l-faċċata setgħet tiġġarraf. Li kieku l-imħarrkin kienu qegħdin jaħdmu b'mod maħsub, ma jmissu għaddielhom qatt minn moħħhom li l-faċċata setgħet tiġġarraf għal fuq it-triq, bħalma fil-fatt ġara. B'żieda ma' dan, u minkejja li wrew daqshekk premura ma' Azzopardi, ma ħadu l-ebda miżura biex iżommu lil ħaddieħor milli jkun espost għall-istess periklu[31]. Minkejja li l-imħarrrek Bonavia qal li kien qiegħed żewġt iknaten waħda f'kull tarf tal-faċċata biex iżomm lin-nies milli jibqgħu mexjin fuq il-bankina[32], l-provi li joħorġu minn fuq ix-xena tal-inċident minnufih wara ma juru xejn minn dan[33];

[28] Paġġ. 85 – 6 tal-proċess
[29] Xhieda tiegħu 7.12.2001, f'paġġ. 212 u 219 tal-proċess
[30] Xhieda tiegħu 6.5.2002, f'paġ. 241 tal-proċess
[31] Xhieda ta' PS620 S Bunce 14.1.2000, u AIĊ A Bailey 11.10.1999, f'paġġ. 73 u 53 tal-proċess
[32] Xhieda tiegħu 7.12.2001, f'paġ. 205 tal-proċess
[33] Xhieda ta' Maria Aġius 25.2.2002, f'paġġ. 228 u 232 tal-proċess

Illi jekk wieħed jgħodd dan kollu mal-fatt li t-triq hija waħda passaġġuża u jgħaddi minnha ammont ta' traffiku konsistenti, meta wieħed iqis li l-imħarrek Scicluna kien jista' jara 'l min kien ikun għaddej mit-triq u li kien hu wkoll li widdeb lil Azzopardi[34], meta wieħed iqis li l-imħarrek Bonavia nnifsu stqarr li kien qiegħed jara 'l min hemm warajh[35] (jiġifieri lill-vittma) u meta wieħed iqis ukoll li l-manuvra li kien qed jagħmel Scicluna kienet tabilfors tagħmel pressjoni fuq il-ħajt li kien qed jinħatt, wieħed ikollu jasal għall-fehma li l-imħarrkin ħolqu qagħda li kienet ta' periklu kemm għalihom infushom u kif ukoll għal terzi u li din il-qagħda kienet il-kawża diretta tat-tiġrif tal-ħajt u tal-konsegwenzi diretti li dak it-tiġrif ġab lil missier l-atturi. Minbarra dan, kienu jafu jew setgħu jobsru li dik il-qagħda kienet waħda ta' periklu. Ġara wkoll li dak li basru, għalkemm ma xtaquhx iseħħ, ġara tassew. Fil-fehma tal-Qorti, dan l-atteġġament jissarraf f'imġiba traskurata jew negliġenti li bniedem ta' għaqal raġonevoli ma huwiex mistenni li jagħmel;

Illi mill-provi li tressqu ma joħroġx ċar min, miż-żewġ imħarrkin, kellu xi sehem speċifiku aktar mill-ieħor jew jekk l-imġiba tal-wieħed titfix 'l dik tal-ieħor. L-imħarrek Scicluna kien imqabbad mill-imħarrek Bonavia, imma ma kienx dipendenti tiegħu u kien qiegħed iħaddem gaffa li sidha huwa ħuh u mhux l-imħarrek l-ieħor. Minkejja dan, il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-imħarrek Scicluna[36], li ladarba l-kuntrattur kien ħuh Paul u ladarba l-gaffa ma kenitx tiegħu, huwa m'għandu l-ebda responsabbilta' għal li ġara. Jgħid x'jgħid, dak il-ħin tal-inċident kien hu li qed iħaddem il-gaffa u huwa wisq evidenti li dak it-tħaddim kellu sehem f'dak li ġara. Min-naħa l-oħra, l-imħarrek Bonavia, li kien ilu għaddej żmien iħott il-bini bil-ftit il-ftit, ma kienx jindaħal fit-tagħmir li Scicluna kien qiegħed iħaddem għaliex ma kellux il-kompetenza li jsuqha bħalma kellu Scicluna[37]. L-imħarrek Scicluna kien jaf ukoll x'inhi s-saħħa tal-gaffa li kien qed iħaddem u x'konsegwenzi kien ikollu fuq il-ħajt l-imbuttar tal-materjal minn taħt l-istess ħajt. Iżda l-imħarrek

[34] Xhieda tiegħu 5.11.200, f'paġ. 162 tal-proċess
[35] Xhieda tiegħ 7.12.2001 u 6.5.2002, f'paġġ. 208 u 241 tal-proċess
[36] Paġ. 315 tal-proċess
[37] Xhieda ta' Brian Farruġia 29.1.2001, f'paġ. 135 – 6 tal-proċess

Bonavia lanqas ma jista' jitfa' l-piż kollu fuq l-imħarrek Scicluna: bħala s-sid tas-sit, kien mistenni li jieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa li jara li dak is-sit ma jkun ta' periklu għal ħadd, imqar jekk ikun għaddej minn ħdejh. F'qagħda bħal din, il-Qorti tqis li għandha tħaddem ir-regola msemmija fl-artikolu 1050 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi l-istess imħarrkin iressqu d-difiża li dak li ġralu Azzopardi ġabu b'idejh u li, ukoll li kieku wieħed kellu jqis li huma kienu kkawżaw il-waqgħa tal-faċċata, John Mary Azzopardi ma messux kien taħt il-ħajt u li kienu wissewh aktar minn darba biex iwarrab minn hemm sa ma jispiċċaw dak li kellhom jagħmlu;

Illi huwa aċċettat li, fil-qasam tad-dritt dwar il-ħtija delittwali u d-danni, jekk il-parti mġarrba tkun għażlet minn rajha li tqiegħed lilha nnifisha fil-periklu, ma tistax, imbagħad, titlob il-kumpens għal dak li jista' jiġrilha minħabba dak l-istess periklu (ir-regola li "*volenti non fit iniuria*");

Illi huwa magħruf ukoll li persuna, minkejja li ma tkunx għal kollox ikkawżat il-periklu, tista' madankollu tkun tat sehem biex dan iseħħ. F'każ bħal dan, dak is-sehem jew kontributorjeta' jnaqqas xi ftit mill-ħtija tal-persuna li tkun tat lok għall-ġrajja li ġabet il-ħsara;

Illi, f'dan il-każ, ħareġ li tassew li missier l-atturi kien għal aktar minn darba mar qrib ħafna tal-faċċata tal-bini li kien qiegħed jitwaqqa' u beda jiknes it-triq mit-trabijiet u l-għabra li kienet tinġema'. Dan jidher li għamlu wkoll aktar minn darba dak inhar li seħħ l-inċident. Wara li ġġarrfet il-faċċata, waħda mill-affarijiet li nstabu fil-qrib kienet xkupa qrib tar-roqgħa tad-demm fejn kien mirdum missier l-atturi. L-imħarrek Scicluna jisħaq li hu stess, ftit waqtiet qabel ċediet il-faċċata, kien widdeb lil Azzopardi biex iwarrab minn hemm u jħallihom jispiċċaw dak li kienu qegħdin jagħmlu hu u l-imħarrek l-ieħor[38]. Dan il-fatt jidher li ssemma wkoll minnufih wara li seħħ l-inċident minn nies li kellmu lil Pulizija li marru fuq il-post[39];

[38] Xhieda tiegħu f'paġ. 162 tal-proċess
[39] Xhieda ta' PS 620 S Bunce 14.1.2000, f'paġ. 74 tal-proċess

Illi huwa mgħallem u aċċettat b'awtorita' li biex tirnexxi l-imsemmija difiża, l-parti li tqajjem dik l-eċċezzjoni trid turi li l-parti mġarrba (i) kienet aċċettat bi qbil li twettaq xi ħaġa li esponietha għal riskju, (ii) li dik l-aċċettazzjoni tkun waħda volontarja u (iii) li meta l-parti aċċettat, hija kienet tagħraf bis-sħiħ l-għamla u l-possibilita' tar-riskju li dieħla għalih[40]. Dawn l-elementi marbutin u mħaddma flimkien iservu biex jaqtgħu il-ġrajja dannuża mir-rabta tagħha mal-effetti li ġġib u dan billi l-għamil tal-parti mġarrba jaqta' r-rabta tal-kawżalita' mill-għamil tal-parti l-oħra[41]. L-aspett tal-volontarjeta' f'dak li tkun għażlet li tagħmel il-parti mġarrba huwa element partikolari li jiddistingwi dik l-imġiba minn waħda li tkun l-effett ta' att ta' ubbidjenza għal ordni ta' ħaddieħor[42];

Illi, madankollu, l-Qorti ma jidhrilhiex li d-difiża tal-imħarrkin, f'dan ir-rigward hija tajba. Fl-ewwel lok, kif diġa' aktar qabel ingħad, ma jidhirx li l-imħarrkin ħadu ħsieb li jagħmlu dak li kien meħtieġ biex ibarru lil min ikun fit-triq milli jersaq qrib is-sit. Fit-tieni lok, jidher li l-faċċata waqgħet mhux għaliex missier l-atturi kien qrib, imma minħabba l-għamil dirett tal-imħarrek Scicluna u l-mod kif ħaddem il-gaffa. Fit-tielet lok, iż-żewġ imħarrkin jixhdu li lil missier l-atturi rawh hemmhekk minnufih qabel ma ġġarrfet il-faċċata u, minkejja dan u minkejja li qalulu jitlaq minn hemm, komplew b'xogħolhom. Fir-raba' lok, minħabba li l-imħarrek Bonavia nnifsu kien bilwieqfa fuq il-faċċata u jaħdem fuqha billi jħottha ġebla ġebla, dan ma kien bl-ebda mod juri lil min ikun qrib li l-ħajt kien hemm il-biżgħa li jiġġarraf f'daqqa (sakemm l-imħarrek Bonavia nnifsu ma riedx li jinqaleb bil-ħajt b'kollox[43]): l-imħarrek Bonavia jgħid li kien minnufih qabel ma ġġarrfet il-faċċata li ħassha ċċedi minn taħt saqajh u qabeż lejn in-naħa tat-triq, meta kien jaf li dak il-ħin Azzopardi kien fil-qrib. Jiġifieri, sa dak il-ħin, lanqas l-imħarrek Bonavia nnifsu ma

[40] Ara s-sentenza riċensjuri P.A. RCP **31.5.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Kevin Żammit vs Maltapost p.l.c.*** (mhix appellata)
[41] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael D'Amato noe vs Filomena Spiteri et*** (mhix appellata)
[42] P.A. GCD **7.12.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmel Polidano vs Korporazzjoni Enemalta*** (mhix appellata)
[43] Xhieda tiegħu 7.12.2001, f'paġ. 219 tal-proċess

kien iqis li l-faċċata kienet sejra taqa' għal ġot-triq, minkejja li ma neħħiex minn moħħu li sata' jiġri hekk;

Illi din il-ġabra ta' ċirkostanzi twassal lill-Qorti biex issib li missier l-atturi ma kellu l-ebda ħtija f'dak li ġara u lanqas jista' jitqies li ikkontribwixxa minn jeddu għal dak li ġralu. Għalhekk, il-ħtija ta' dak li ġara jridu jerfgħuha l-imħarrkin waħedhom u solidalment bejniethom;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li l-ewwel talba tal-atturi hija tajba u li l-eċċezzjonijiet tal-imħarrkin ma jistgħux jintlaqgħu;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi issa għal-**likwidazzjoni tad-danni mġarrba mill-attur**. Jibda biex jingħad li l-liġi tipprovdi[44] li l-ħsara li l-persuna misjuba responsabbli għal inċident trid twieġeb għaliha hija dik tat-telf effettiv li l-għamil tagħha jkun ġab direttament lill-parti mġarrba, l-ispejjeż li l-parti mġarrba kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew ta' qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li l-persuna mġarrba tbati 'l quddiem. Fejn il-parti mġarrba titlef ħajjitha fi jew minħabba dak l-għamil, il-liġi tagħti lill-werrieta dawk id-danni msemmija flimkien mat-telf u l-ispejjeż attwali ikkaġunati;

Illi, kif ingħad, fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, jirriżulta li John Mary Azzopardi kellu tnejn u sebgħin (72) sena meta miet u kien jgħix waħdu u b'mod indipendenti. Dak iż-żmien, ħadd minn uliedu l-atturi ma ntwera li kien, b'xi mod jew ieħor, dipendenti tiegħu;

Illi, kif ingħad sewwa mill-Qrati tagħna, aċċident mhux xi entita' astratta, iżda hu fatt li ġara kif inhu fix-xorta u l-kobor tiegħu; huwa ġrajja bl-inċident inerenti miegħu li minnu jitnisslu d-danni mġarrba mill-vittma u li għalihom irid iwieġeb min, bin-negliġenza tiegħu, jkun ikkawżahom[45];

Illi dan l-eżerċizzju jwassal għall-istħarriġ tat-tieni talba attriċi;

---

[44] Art. 1045 u 1046 tal-Kap 16
[45] App. Ċiv. **2.3.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Conti*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.163**)

Illi, tajjeb jew ħażin, id-disposizzjonijiet tal-liġi li l-Qorti trid tqis f'każ bħal dan huma l-artikoli 1031, 1032, 1045 u 1046 tal-Kodiċi Ċivili. Il-kwestjoni tal-kumpens dovut mill-parti mħarrka li tinstab responsabbli għad-danni u kemm hu l-ammont li l-parti attriċi jkun jistħoqqilha tirċievi hija waħda li fiha xi aspetti li għandhom jiġu studjati;

Illi, fl-ewwel lok, irid jingħad li f'dan il-każ, l-atturi qegħdin jidhru fil-kwalita' tagħhom ta' werrieta tal-mejjet missierhom u l-kumpens li qegħdin jippretendu mingħand l-imħarrkin huwa dak kemm dwar telf u nefqiet attwali (*damnum emergens*) u kif ukoll dwar talf għall-ġejjieni (*lucrum cessans*) li, fi kliem il-liġi nnifisha, il-Qorti tista' tagħti bħal fil-każ ta' inkapaċita' totali għal dejjem, meqjusa skond id-disposizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 1045;

Illi, fit-tieni lok, il-vittma kien persuna li kienet irtirat mix-xogħol u tgħix b'pensjoni;

Illi, fit-tielet lok, lill-Qorti jirriżultalha bla ebda ħjiel ta' dubju li l-mewt ta' Azzopardi kienet il-konsegwenza diretta tal-inċident. Dan ukoll huwa wieħed mill-prinċipji ewlenin fil-qasam tal-likwidazzjoni ta' danni minħabba għamil traskurat jew negliġenti[46]. Għal din il-Qorti, ir-rabta bejn il-kawża tal-inċident u l-effetti li ħalla fuq il-vittma tirriżulta tajjeb biżżejjed;

Illi, fir-raba' lok, kif ingħad, fis-sentenza maġistrali tal-Qorti tal-Appell tat-**22 ta' Dicembru, 1967**, fil-kawza fl ismijiet ***Butler vs Heard***[47] "*il-liġi tagħna tipprovdi għal kumpens għat-telf pekunjarju biss u f'dan hi inferjuri għal-liġijiet ta' pajjiżi oħra progressivi li jipprovdu anke għal kumpens - xi drabi l-uniku possibbli, għat-"telf personali" …Ta' min jawgura illi din il-fergħa tal-liġi tiġi, kif jixraq riformata.*" (a fol 504);

Illi l-parti l-kbira tal-kwestjoni tistrieħ ħafna fuq il-bażi ġuridika li dwarha jingħata l-kumpens meta l-attur ma

---

[46] App. Inf. **20.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Gerald Buġeja vs David Gatt***
[47] Kollez. Vol: **Ll.i.488**

jkunx il-persuna li kellha x'taqsam mal-inċident, imma tkun qarib ta' persuna li mietet f'dak l-inċident. Il-liġi tagħna fl-artikolu 1046 tgħid ċar li l-ħlas ta' kumpens huwa dovut lill-werrieta tal-persuna l-mejta u mhux lid-dipendenti, imma, fl-istess waqt, tqabbel l-ammont ta' kumpens ma' dak li jiġi likwidat fil-każ ta' inkapaċita' totali għal dejjem skond ma jipprovdi l-artikolu 1045;

Illi l-istess Qorti tal-Appell, imma żmien qabel is-sentenza ta' Butler u Heard, kienet fissret li, f'każ ta' inċident li fih il-vittma tmut, il-kumpens ma jingħatax lid-dipendenti tiegħu imma lill-werrieta, u qalet ukoll li, fil-kalkolu tat-telf ta' qligħ għall-ġejjieni, m'hemm stabiliti l-ebda regoli fissi li fuqhom il-qorti tista' ssejjes il-konsiderazzjonijiet tagħha. Jeħtieġ jitħarsu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ partikolari u, għalkemm il-Qorti m'għandhiex tirrifjuta li tikkalkola l-kumpens minħabba l-element ta' imprevedibilita', għandha tqis b'moderazzjoni l-ammont ta' kumpens minħabba l-element għoli ta' konġettura li jdur mal-aspett ta' x'jista' jseħħ fil-ġejjieni[48];

Illi fi żvilupp ta' dawn l-ahhar snin, din il-Qorti, b'tifsira iżjed aġġornata ta' dak li jgħid l-artikolu 1046, qieset li meta f'każ ta' mewt l-atturi qraba tal-vittma jfittxu għall-kumpens tal-ħsara mġarrba bħala werrieta, jkunu qegħdin jagħmlu dan għaliex daħlu fil-libsa legali tal-vittma minħabba ċ-ċirkostanza ta' mewtu, u mhux fuq bażi ta' dipendenza u għalhekk jistħoqqilhom jippretendu li jirċievu dak li kien ikun jistħoqq lill-qarib tagħhom, kif tgħid il-liġi nnifisha, kieku f'dak l-inċident ma mietx imma ġarrab ġriehi li jkunu ħallewh għal kollox inkapaċi[49];

Illi, b'danakollu, jidher li l-bażi vera tal-jedd tal-azzjoni mogħtija lill-werrieta tal-vittma l-mejta m'huwiex jedd mogħti *iure haereditatis*, iżda jedd speċifiku mogħti mil-liġi lilhom[50], u mhux minħabba trasmissjoni *ope successionis*[51];

---

[48] App. Ċiv. **22.6.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Petrie et vs Ċiappara*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.364**)

[49] P.A. GCD **17.2.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Turner et vs Francis Aġius et*** (mibdula b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Ċivili fit-**28.11.2003**); u P.A. RCP **29.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmela Attard et vs Stephen Micallef***, fost oħrajn

[50] P.A. TM **28.5.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Laura Formosa et vs Emanten Spiteri et*** (riformata mill-Qorti tal-Appell fit-**28.11.2008** fl-aspett tal-likwidazzjoni**)**

[51] P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Galea et vs Silvio Piscopo*** (mhix appellata)

Illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ir-raġunament isib kenn ukoll f'dak li kienet qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Petrie et vs Ċiappara*** tat-22 ta' Gunju, 1964, fuq imsemmija, meta fliet il-kawżali li l-liġi tagħna tqis għal-likwidazzjoni tal-kumpens taht l-artikolu 1045 (li, kif ingħad, huwa espressament applikabbli fil-każ ta' mewt minħabba inċident skond l-artikolu 1046);

Illi l-Qorti tħoss li l-punti ewlenin imsemmija f'dik is-sentenza għandhom jissemmew fil-qosor:

(a) li l-artikolu 1045 jikkontempla erba' (4) għamliet ta' danni li għandhom jiġu risarċiti – jiġifieri: (i) it-telf attwali mġarrab mill-vittma; (ii) spejjeż minfuqin minnu; (iii) telf ta' paga jew qligħ attwali u (iv) telf ta' qligħ għall-ġejjieni;

(b) illi l-vittma jista' jingħata kumpens għat-telf ta' qligħ fil-ġejjieni ukoll jekk ma jintalab jew ma jista' jingħata l-ebda kumpens għal telf ta' qligħ attwali, billi t-telf ta' qligħ attwali mhux kondizzjoni biex jista' jingħata kumpens għal telf ta' qligħ fil-ġejjieni;

(c) illi billi l-kumpens huwa mogħti lill-qraba bħala werrieta u mhux bħala dipendenti, il-grad ta' dipendenza mhux kondizzjoni biex jingħata l-kumpens, għalkemm jista' jittieħed b'qies meta jiġi biex jinħadem l-ammont ta' kumpens dovut[52];

(d) illi, b'effett ta' dan, mhux meħtieġ li jiġi ppruvat li l-vittma kien jaqla' l-flus u/jew li kien jagħti sehem jew jgħajjex bihom lil dawk li wirtuh. Anzi, lanqas id-dipendenza futura m'hija, fil-liġi tagħna, prekundizzjoni u fattur essenzjali għall-ghoti ta' kumpens; u

(e) illi jibqa' xorta l-fatt li l-Qorti jkollha twettaq eżerċizzju ta' diskrezzjoni meta tqis l-elementi kollha li jsawru l-każ dwar x'seta' jiġri fil-ġejjieni;

---

[52] App. Ċiv. **29.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġużeppi Aġius et vs Tarċisju Fenech***

Illi jekk wieħed japplika dawn il-prinċipji jkun ifisser li l-qisien tal-kumpens għandhom jsiru skond il-kundizzjonijiet prevalenti meta seħħ l-inċident u li, minħabba li l-kumpens ikun ta' somma likwidata li l-ħlas tagħha jista' jintalab malli jiġi likwidat, irid isir tnaqqis *pro rata* biex tagħmel tajjeb għall-fatt li d-dħul ikun sejjer iseħħ qabel ma kien ikun il-każ kieku l-inċident ma ġarax;

Illi għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tat-telf attwali l-atturi jippretendu l-ħlas ta' Lm 1,182.49[53], li huwa magħmul min-nefqa għall-funerali ta' missierhom u tal-biljetti tal-ajru tal-attriċi DePuis biex hi u żewġha ġew Malta mill-Kanada għall-funeral tiegħu;

Illi l-imħarrkin jikkontestaw din il-pretensjoni tal-atturi billi jgħidu li n-nefqiet xorta waħda kellhom isiru, ukoll kieku Azzopardi miet f'ċirkostanzi normali. Dan l-argument m'huwiex tajjeb, għaliex il-Qorti jidhrilha li l-kriterju li trid il-liġi biex jingħata l-kumpens għan-nefqa magħmula huwa dak li jqis jekk dik in-nefqa kenitx jew le l-konsegwenza diretta tal-ġrajja dannuża. Huma jilmintaw ukoll mill-fatt li l-atturi ma ħalfux dawk in-nefqiet. Dwar dan it-tieni argument, l-imħarrkin għandhom biċċa mir-raġun, għaliex dokument mhux maħluf ma jitqiesx bħala prova ta' dak li jgħid[54], sakemm is-siwi probatorju tal-istess dokument ma joħroġx min-natura tiegħu nnifsu. U għalkemm il-konferma bil-ġurament m'hijiex rekwiżit *sine qua non* għall-ammissibilita' bħala prova, dak il-ġurament huwa meħtieġ jekk id-dokument ikun kontestat[55];

Illi għalhekk, il-Qorti m'hijiex sejra tillikwida telf imġarrab mill-atturi ladarba mhux ippruvat kif mistħoqq;

Illi għal dak li li jirrigwarda l-likwidazzjoni tat-telf għall-ġejjieni jidher li hemm żewġ fatturi ewlenin li jiddeterminaw din il-kwestjoni: l-ewwel waħda hija l-eta' matura tal-vittma dak inhar li ġara l-inċident, u t-tieni hija l-fatt li hu kien pensjonant u qata' minn kull ħidma bi ħlas;

[53] Li jġibu € 2,754.46 fi flus tal-lum
[54] P.A. GV **15.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Vastek Int'l Ltd vs Engineering & Technology Ltd***
[55] App. Inf. PS **10.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Allied Insurance Agency Ltd vs Evellina Borġ Grech***

Illi dwar il-qies tal-*multiplier* il-Qorti tħoss li jkun xieraq li tagħmel riferenza għal dak li hu mgħallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jingħad li *"The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expection of life of the dependants… There must also be a discount for the uncertainties of life… Discount must also be made for the fact that the dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death…*"[56];

Illi l-imħarrkin iressqu l-argument li meta seħħ l-inċident John Mary Azzopardi kien qabeż sewwa ż-żmien tal-irtirar mix-xogħol. Għalkemm dan il-fatt huwa minnu, ma jfissirx b'daqshekk li ma għandux jitqies li Azopardi kien mistenni li jibqa' ħaj għal xi żmien ieħor. Il-kriterju tal-*multiplier* ma jintemmx hekk kif persuna tagħlaq l-eta' tal-irtirar mix-xogħol u lanqas il-Qrati tagħna ma jidher li jħaddnu din il-fehma[57];

Illi, għalhekk, meta wieħed iqis l-eta' pjuttost avvanzata ta' John Mary Azzopardi meta seħħ l-inċident, flimkien mal-fatt li kien jidher li għadu b'saħħtu jidher xieraq li jintuża *multiplier* ta' seba' (7) snin;

Illi, dwar id-dħul tal-vittma, jirriżulta[58] li Azzopardi kien intitolat għal żewġ pensjonijiet: waħda mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali u l-oħra mill-Uffiċċju tal-Pensjonijiet Britanniċi. B'kollox, fl-aħħar sena sħiħa qabel miet, kien daħħal elfejn mija u sitta u sittin lira Maltin (Lm 2166). Jekk wieħed iqis iż-żidiet li kien se' jkun intitolat għalihom fil-medda tas-seba' snin li l-Qorti qiegħda tqis bħala l-bażi tal-*multiplier*, dan iwassal għal somma ta' tmienja u tletin elf tliet mija u ħamsa u erbgħin ewro (€38,345)[59];

---

[56] Thomas Saunt <u>*Damages for Personal Injury and Death*</u> (Tielet Ediz, 1986), pag 53
[57] Ara, per eżempju, P.A. GV **28.2.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuele Buħaġiar vs Kyle Stone et*** u Maġ (Għ) AE **25.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Conti et vs Salvu Mifsud*** (mhix appellata)
[58] Dokti "RF3", "RF4" u "AA1" f'paġġ. 108 – 9 u 284 tal-proċess
[59] (Lm 2166 + Lm 185.64) x 7 = Lm 16,461.48

Illi jidher li l-punt ieħor kontrovers bejn l-imħarrkin u l-atturi huwa kien dwar l-ammont ta' tnaqqis mill-ammont likwidabbli minħabba l-grad tad-dipendenza u kif ukoll minħabba l-konsum personali li l-persuna l-mejta kienet teħtieġ kieku ma mititx[60]. F'dan il-każ, il-Qorti tqis li Azzopardi kien jgħix ħajja indipendenti u għal rasu u li l-atturi wliedu ma kienu bl-ebda mod jiddependu minnu għall-għixien tagħhom. F'każ bħal dan, u fuq is-saħħa tax-xejra meħuda mill-Qrati dwar dan l-aspett (li ma joħroġx espressament mil-liġi, iżda li huwa fattur li jaf l-iżvilupp tiegħu minn attivita' ġurisprudenzjali[61], u li mhux dejjem kien inkontestat[62]), il-Qorti tagħraf li f'dan ir-rigward l-imħarrkin qegħdin jgħidu sewwa. Dan jingħad ukoll minħabba l-fatt li l-kriterju li l-liġi trid għall-għoti tal-kumpens f'każijiet bħal dan m'huwiex dak ta' "tpattija" lill-parti ħatja, daqskemm ta' radd lura lill-parti mġarrba (f'dan il-każ, ulied il-mejjet) tal-ħsara li l-mewt tkun ġabet magħha[63];

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tnaqqas ħamsin fil-mija (50%) mis-somma sħiħa likwidata bħala tnaqqis minħabba l-grad ta' dipendenza u ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) bħala kejl tal-konsum. Ma jidhrilhiex li għandha tagħmel tnaqqis minħabba li s-somma sejra titħallas f'daqqa, u dan minħabba ż-żmien li għadda biex il-kawża waslet fi tmiemha;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti tasal biex tillikwida d-danni li jmisshom jitħallsu lill-atturi bħala telf ta' qligħ għall-ġejjieni (*lucrum cessans*) minħabba l-mewt ta' missierhom John Mary Azzopardi fis-somma ta' erbatax-il elf tliet mija u disgħa u sebgħin ewro u erbgħin ċenteżmi (€ 14,379.40)[64];

Illi għalhekk, it-tieni u t-tielet talbiet attriċi sejrin jintlaqgħu ukoll u għall-istess raġunijiet il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' l-

---

[60] Noti ta' Sottomissjonijiet f'paġġ. 322 – 3 u 333 – 4 tal-proċess
[61] Ara, per eżempju, Maġ (Għ) AE **3.7.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmela armla Cassar et vs Il-Prim Ministru ta' Malta et*** (konfermata fl-Appell fis-**26.3.2010**) għal eżami mirqum tal-kriterji mħaddma
[62] Ara, per eżempju, P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Galea vs Silvio Piscopo***
[63] App. Ċiv. **27.7.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Francesco Sultana et vs Francis Xavier Grech et***
[64] (€ 38,345 x 0.5 x 0.75) = € 14,379.38

eċċezzjonijiet dwarhom imressqa mill-imħarrkin għaliex m'humiex mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u ssib li l-imħarrkin jaħtu solidalment għall-inċident għall-mewt ta' John Mary Azzopardi, missier l-atturi, li seħħet fis-16 ta' April, 1997, fi Triq il-Kbira, Ħal Tarxien meta waqa' fuqu ġebel minn ħajt li kien qiegħed jinħatt f'post fl-istess triq;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida l-ħsara li ġarrbu l-atturi minħabba fl-imsemmi inċident fis-somma ta' erbatax-il elf tliet mija u disgħa u sebgħin ewro u erbgħin ċenteżmi (€ 14,379.40);

**Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu lill-atturi s-somma hekk likwidata ta' erbatax-il elf tliet mija u disgħa u sebgħin ewro u erbgħin ċenteżmi (€ 14,379.40) flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq dik is-somma b'seħħ mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet** kollha tal-imħarrkin, għaliex ma jirriżultawx mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt; u

**Tikkundanna** lill-imħarrkin iħallsu l-**ispejjeż tal-kawża**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------